MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 55 – 3 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 09 ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 55.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

55.1.1 Il-President informa li ma rċieva l-ebda ittri ta' apoloġiji.

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

55.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-erbgħa u ħamsin (54) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

55.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Mark Camilleri, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 55.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Tiġdid ta' kuntratti għal għoti ta' servizzi lill-Kunsill Reġjonali u t-Tribunal Lokali**

55.3.1 Il-President informa li matul il-jiem li ġejjin se jkunu qed jagħlqu l-kuntratti għas-servizz ta' handyman u servizz ta' manutenzjoni u sapport fuq IT lill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali u t-Tribunal Lokali. Dawn il-kuntratti ma jaqbżux il-ħamest elef ewro u għalihom jistgħu jintalbu kwotazzjonijiet minn tliet service providers.

55.3.2 Il-Membri preżenti ddiskutew dawn il-kuntratti u qablu li jiġu mitluba kwotazzjonijiet minn tliet kuntratturi differenti għal provvediment ta' dawn is-servizzi sabiex tintgħażel l-aktar waħda kosteffettiva.

**- Sejħa ta' Uffiċjal Eżekuttiv (skala 13)**

55.3.3 Il-President ħabbar li wara li nħarġet is-sejħa interna mal-Kunsilli Reġjonali u Lokali għal din il-pożizzjoni, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni għal din il-pożizzjoni. Għaldaqstant, hu ppropona li tintalab gwida mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u mill-Jobsplus sabiex tinħareġ sejħa pubblika għal Uffiċjal Eżekuttiv (skala 13) mal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

55.3.4 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Uffiċjali professjonali mal-Kunsill Reġjonali**

55.3.5 Il-President informa li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar irnexxielu jgħaqqad it-tim kollu ta' sitt uffiċjali professjonali u dawn se jkunu ngaġġati mal-Kunsill Reġjonali b'kuntratt ta' tliet snin, bil-possibilità li jista' jerġa' jiġġedded. Hu żied jgħid li fl-erbatax ta' dan ix-xahar se jidħlu l-aħħar żewġ uffiċjali professjonali li kien għad jonqos biex ikollu t-tim komplut.

**- Proġett ta' estensjoni tal-uffiċini fil-Bini Amministrattiv**

55.3.6 Il-President ħabbar li l-applikazzjoni tal-proġett ta' estensjoni tal-uffiċini fil-Bini Ammistrattiv se titressaq quddiem il-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar għad-deċiżjoni finali fl-20 ta' Diċembru li ġej. Jekk kollox imur sew, jinħareġ il-permess għal din l-estensjoni sabiex imbagħad il-Kunsill Reġjonali jkun jista' jipproċedi sabiex tinħareġ tender ħalli jintgħażel kuntrattur biex jagħmel dawn ix-xogħlijiet.

**- Skema ta' għajnuna finanzjarja għal tiżjin fit-toroq mill-Kunsill Reġjonali**

55.3.7 Il-President irrefera għall-iskema ta' għajnuna finanzjarja li l-Kunsill Reġjonali offra sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jżejnu t-toroq u l-pjazez fi żmien il-Milied. Hu qal li osserva titjib u livell ogħla fit-tiżjin tat-toroq fil-lokalitajiet tar-reġjun, grazzi għal din l-għajnuna finanzjarja. Hu ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jibagħtu t-talbiet għall-ħlas sal-20 ta' Marzu 2022.

**- Attività annwali tal-Milied mill-Kunsill Reġjonali**

55.3.8 Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali diġà kkoordina ma' żewġ Kunsilli Lokali biex jiġu organizzati l-attivitajiet annwali tal-Milied. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa se jtella' l-attività tiegħu fid-19 ta' Diċembru u l-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi se jtella' l-attività tiegħu fit-30 ta' Diċembru. Hu semma' kif irċieva talba mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija biex l-attività li kellha tittella' minnu fit-12 ta' Diċembru titmexxa għas-26 ta' Diċembru minħabba li ltaqa' ma' diffikultajiet loġistiċi.

55.3.9 Il-Membri preżenti ddiskutew it-talba tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija u qablu b'mod unanimu li l-Kunsill Reġjonali m'għandux itella' attivitajiet dakinhar għax fl-istess ġurnata tiġi organizzata l-Istrina li hi okkażjoni li fiha jingħaqad il-poplu Malti kollu.

## 55.4 Skeda ta' Pagamenti;

55.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 12/21A-1 u 12/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

55.4.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 55.5 Management Letter;

55.5.1 Il-President ressaq il-Management Letter li l-Kunsill Reġjonali rċieva mill-Awditur Ġenerali dwar ir-rapport finanzjarju 2020. Din ġiet mibgħuta lill-Membri mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġiet kunsidrata bħala moqrija. Hu ta spjega tad-dokument.

55.5.2 Il-President ressaq il-Management Letter Reply mill-Kunsill Reġjonali hekk kif ġiet imħejjija minnu, mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-accountant. Hu ta spjega tad-dokument u talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti qabel jintbagħat lill-Awdituri.

55.5.3 Il-Membri preżenti approvaw id-dokument b'mod unanimu.

## 55.6 Kuntratt għall-Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq;

55.6.1 Il-President fakkar li l-kuntratt għall-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq għal tnax-il lokalità fir-Reġjun tan-Nofsinhar li ġie ffirmat f'Diċembru tas-sena li għaddiet wasal biex jagħlaq. Hu speċifika li dan il-kuntratt għandu l-possibilità li jista' jiġi mġedded kull sena sa massimu ta' erba' snin. Għaldaqstant, il-President talab lill-Membri sabiex jiddeċiedu jekk għandux jiġi mġedded l-istess kuntratt għal sena oħra.

55.6.2 Il-Membri preżenti ddiskutew dan is-suġġett u qablu b'mod unanimu li l-kuntratt għall-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq għandu jiġi mġedded għal sena oħra.

## 55.7 Affarijiet Oħra;

**- Proposti minn Kunsilli Lokali għall-inizjattivi fil-lokalità fi żmien il-Milied**

55.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti għal inizjattivi fil-lokalità fi żmien il-Milied mill-Kunsilli lokali ta' Ħal Qormi, Ħal Luqa, Ħal Safi, il-Gudja u Santa Luċija.

55.7.2 Il-Membri preżenti approvaw il-proposti mressqa b'mod unanimu.

**- Kompetizzjoni Miżuri ta' Mobilità Permanenti Sostenibbli 2021**

55.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv semma' kif il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar irċieva ittra minnTransport Malta fejn ġie infurma li l-applikazzjoni li ssottometta għal din il-kompetizzjoni bħala parti mill-Europeanmobilityweek 2021 ma ġietx magħżula mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

**- Ringrazzjament lill-Membri u lill-Kunsilli Lokali**

55.7.4 Il-President qal li din hi l-aħħar laqgħa għall-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar bil-kompożizzjoni ta' dawn l-erbatax-il Kunsill Lokali għax minn Jannar li ġej se tibda r-raba' leġiżlatura b'kompożizzjoni ta' tnax-il Kunsill Lokali li ħamsa minnhom se jkunu ġodda għal dan ir-reġjun. Hu semma' kif kien ta' unur għalih li ħadem ma' dawn il-Kunsilli Lokali mill-2013 sal-lum u wiegħed li se jkun qed jibqa' joffri l-għajnuna tiegħu anke lil dawk il-Membri li se jinfirdu mir-Reġjun tan-Nofsinhar, jekk jitolbuh. Il-President ta l-awguri tiegħu lis-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi, kif ukoll staff amministrattiv u operattiv tal-Kunsilli Lokali kollha.

55.7.5 Il-Membri preżenti kollha wasslu r-ringrazzjamenti u l-awguri tagħhom lill-President u lit-tim kollu tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

## 55.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

55.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.40 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 13 ta' Jannar 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |